

22004D0116

6.2.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 34/72

ID-DEĊIŻJONI NRU 1/2004**tas-16 ta' Jannar 2004****tal-Kumitat stabbilit taħt il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-Rikonossiment Reċiproku fir-rigward ta' Kontroll tal-Konformità fuq l-elekar ta' Korp ta' Kontroll tal-Konformità taħt il-Kapitolu Sezzjonali għall-Ġugarelli**

(2004/116/KE)

IL-KUMITAT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-Rikonossiment Reċiproku fir-rigward ta' Kontroll tal-Konformità (il-Ftehim) iffirmat fil-21 ta' Ġunju 1999, u b'mod partikolari l-Artikoli 10.4(a) u 11 tiegħu,

Billi l-Ftehim daħal fis-seħħ nhar l-1 ta' Ġunju 2002;

Billi l-Kumitat għandu jieħu deċiżjoni li jelenka Korp jew Korpi ta' Kontroll tal-Konformità taħt il-Kapitolu Settorjali ta' l-Anness I għall-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

- (1) Il-Korp ta' Kontroll tal-Konformità fl-Anness A huwa miżjud mal-lista tal-Korpi ta' Kontroll tal-Konformità Żvizzeri taħt il-Kapitolu Settorjali għall-Ġugarelli fl-Anness 1 għall-Ftehim.
- (2) Din id-Deċiżjoni, magħmula f'kopja doppja, għandha tiġi ffirmata mill-Ko-Presidenti jew persuni oħra awtorizzati sabiex jaħdmu fisem il-Partijiet. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mid-data ta' meta tkun ġiet iffirmata l-aħħar firma.

Iffirmata f'Berna, 16 ta' Jannar 2004.

F'isem il-Konfederazzjoni Żvizzera

Heinz HERTIG

Iffirmata fi Brussell, 6 ta' Jannar 2004.

F'isem il-Komunità Ewropea

Joanna KIOUSSI

L-ANNESS A

Il-Kapitolu	Korp	Kuntatti/Tel./Fax/E-mail	Direttiva
3 — Ġugarelli	Kantonales Laboratorium Basel-Landschaft Hammerstrasse 25 CH-4410 Liestal	Dr Peter Wenk Tel.: (41-61) 906 64 64 Tel.: (41-61) 906 64 65 kl@vsd.bl.ch	88/378/KEE